**Minuti tas-sebgħa u erbgħin (47) laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2016 fil-5.30pm fis-Sala tal-Kommunita'.**

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| | |
| Is-Sur Ivan Attard | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba, Qari u Approvazzjoni tal-Minuti u punti mqajma mill-minuti

1.1 Il-laqgħa ġiet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg u bdiet b'talba. Is-Sindku innota li kien hemm tibdil fl-aġġornament tal-laqgħa peress li l-Viċi Sindku kien imsiefer fuq raġunijiet personali.

1.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 45 li saret nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju 2016 ġew approvati mill-membri preżenti u iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill approva wkoll unanimament il-minuti tal-laqgħa (mhux uffiċjali) tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu 2016 fil-preżenza tal-iskrivan tal-Kunsill, is-Sur Christopher Buhagiar. Dawn qed jiġu annessi ma' dawn il-minuti b'riferenza 'Dok A'.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-minuti tal-laqgħa b'urġenza li saret nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016 għadhom ma ġewx ippreparati mill-ex Segretarju Eżekuttiv. Dan minkejja l-insistenza li għamel l-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex dawn il-minuti jitlestew sal-laqgħa tal-lum bil-għan li jiġu approvati. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu parir mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali rigward jekk nistgħux intellgħu fuq il-*website* tad-Dipartiment il-minuti tal-laqgħa ta' Mejju meta l-minuti tal-laqgħa b'urġenza għadhom ma ġewx ippreparati.

Punti mqajma mill-minuti

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

1.3 Għandna ninfurmaw lill-Perit Toni Bezzina sabiex ilesti d-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex napplikaw għall-proġett tal-kisi bil-porfido tal-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku u l-istima għall-bini tal-aħħar ħamsa u tletin metru ta' Triq John Gaspard Le Marchant. Għandna wkoll ninsistu mal-Perit Toni Bezzina sabiex ilesti pjanta bit-*traffic calming measures* għal Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

1.4 Għandna nieħdu parir mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali rigward il-*payment vouchers* li ġew approvati fil-laqgħa ta' Jannar u li ma tressqux biex jiġu iffirmati. Dawn ma huma iffirmati minn ħadd.

1.5 Wara li saret verifika ma' uffiċjali tad-Dipartiment tal-VAT rigward servizz ta' Quddiesa li l-Kappillan qaddes fl-okkażjoni ta' Jum il-Fontana 2015, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li dan is-servizz għandu jitħallas mill-Kunsill u l-Kappillan jipprovdi irċevuta manwali.

1.6 Is-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili ġew miżbugħa mill-ħaddiema tad-Dipartiment tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsillier Mario Mercieca propona u l-Kunsill qabel li għandna nibdew nibagħtu ittra lir-residenti dwar id-dati u l-ħinijiet meta jkunu ser jinżebgħu dawn is-sinjali. Dan sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jneħħu l-vetturi tagħhom. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li meta sar l-aħħar xogħol ta' żebgħa, tpoġġew it-tabelli tan-*no parking* u għaldaqstant ir-residenti kienu infurmati minn qabel. Kien hemm qbil li nibdew ninfurmaw lir-residenti b'ittra wkoll.

1.7 Is-sessjoni tal-*culling* tal-ħamiem li saret nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju 2016 kienet suċċess tant li ġew eliminati madwar disgħin ħamiema minn ħdejn il-Knisja u 'l fuq fi Triq il-Għajn, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u waħdiet fi Pjazza l-Għejun. Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna norganizzaw sessjoni oħra għall-aħħar ta' Awwissu u tiżdied Triq Għajn Tuta. Il-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca qalu li għandna nitkellmu mar-residenti li għandhom il-ventilaturi mad-djar tagħhom biex naraw il-possibilita' li dawn jingħalqu f'każ li ma għandhom l-ebda użu. Dan peress li f'dawn il-postijiet qed jinġema' ħafna ħamiem.

1.8 Rigward l-aġġornament tas-sit elettroniku uffiċjali tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nkellmu lid-diriġenti ta' A&M Printing sabiex jibagħtu b'e-mail il-fuljetti li ippubblika l-Kunsill matul is-snin sabiex l-iskrivan ikun jista' jtellagħhom fuq il-*website*.

1.9 Irċivejna *e-mail* mingħand is-Sur George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha informa lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex biex nibdew nieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-bozoz tat-toroq. Is-Sindku qal li ġaladarba s-sistema tad-dawl tat-toroq ġiet devoluta lir-Reġjun, dan il-proċess għandu jsir min-naħa


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

tagħhom. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser iressaq din il-materja fil-laqgħa tar-Reġjun li ser issir il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju.

1.10 Rigward l-issettjar tal-*floodlights* tas-Santwarju Parrokkjali tal-Qalb Ta' Ġesu', is-Sindku Saviour Borg qal li għadda aktar minn xahar minn meta għamilna t-talba tagħna lir-Reġjun u x-xogħol għadu ma sarx. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser iressaq din il-materja fil-laqgħa tar-Reġjun tal-Ġimgħa 10 ta' Ġunju. Ser ninsistu biex ix-xogħol jitlesta sal-festa.

2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

2.1 Għandna nikkuntattjaw lis-Sur Herbert Naudi rigward il-*welcome signs* li għandna fil-lokalita' u nistaqsuh dwar il-possibilita' li dawn jinbidlu sal-jiem tal-festa b'mod partikolari l-*welcome sign* li hemm fil-bidu ta' Triq l-Isptar San Ġiljan. Għandna wkoll niġbdu l-attenzjoni sabiex l-isem tal-lokalita' jsir 'Il-Fontana' mhux 'Fontana' biss.

2.2 Wara li ġie finalizzat ix-xogħol ta' restawr fuq in-niċċa tal-Kunċizzjoni fi Triq il-Għajn, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nagħmlu plakka kommemorattiva li tindika li dan il-proġett sar mill-Kunsill Lokali. Din il-plakka għandha tkun magħmula minn materjal li jirrispetta l-ambjent tal-inħawi.

2.3 Nhar il-Ġimgħa 6 u s-Sibt 7 ta' Mejju 2016, hu flimkien mal-Viċi Sindku attendew għal laqgħa organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għas-Sindki u l-Viċi Sindki ta' Malta u Għawdex. Din saret fil-lukanda Calypso f'Marsalforn.

2.4 Matul ix-xahar ta' Mejju ġew imħawla diversi xtieli ġodda ħdejn l-uffiċċju tal-Kunsill, il-belvedere fi Triq Ta' Mulejja, taħt ir-*railing* 'l isfel mill-Knisja u fuq l-Għajn Ta' Bendu.

2.5 Nhar il-Ħadd 15 ta' Mejju ġiet organizzata ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti f'Malta. Fost l-oħrajn żorna l-Great Spring Show fil-ġonna tal-Palazz ta' Sant'Anton, l-international food festival fl-Imdina u l-istabbiliment PAMA fil-Mosta. Attendew wieħed u tletin persuna fosthom is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef.

2.6 Nhar il-Ħadd 22 ta' Mejju saret laqgħa li fiha s-Sindku flimkien mal-Kappillan u l-membri tal-kumitat responsabbli iddiskutew kif ser tiġi organizzata Festa Tfal li ser issir qrib il-festa titulari tal-Qalb ta' Ġesu'.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.7 Nhar is-Sibt 28 ta' Mejju saret laqgħa fis-sala tal-komunita' mal-Onor. Anthony Agius De Celis li hu responsabbli mit-tnaqqis tal-burokrazija. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.

2.8 Fil-passat riċenti, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien approva li Triq l-Isptar San Ġiljan u Triq il-Għajn (toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tal-Gvern Ċentrali) isiru b'finanzjament mill-iskema tal-*Public Private Partnership*. Għaldaqstant, hu ma jistax jifhem kif l-Assistent Direttur Silvio Frendo qal li l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol f'toroq li ma jaqgħux taħt ir-responsabbilita' tiegħu.

2.9 Irċivejna korrispondenza mingħand l-Assistent Direttur Cleavon Vella li fiha informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni tal-Għejjun u l-*area* ta' madwar qatt ma waslet għand id-Dipartiment. Dan minkejja *e-mail* li l-Assistent Direttur bagħat lill-Kunsill f'Settembru li għadda. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li hu tal-idea li x-xelter tal-gwerra li hemm fil-Pjazza tal-Għejjun jiġi mgħoddi wkoll f'idejn il-Kunsill. Is-Sindku qal li dan waqqaf l-applikazzjoni li saret snin ilu għad-devoluzzjoni tal-Għejjun. Dan għar-raġuni li mhux reġistrat mad-Dipartiment tal-Artijiet. Wara diskussjoni, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nissottomettu applikazzjoni formali lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għad-devoluzzjoni tal-Għajn il-Kbira, l-Għajn ta' Bendu u l-bankina ta' Pjazza l-Għejjun.

2.10 Attenda għal laqgħa tas-Sindki flimkien mal-Viċi Sindku Victor Cefai li fiha l-Awtorita' tal-Ippjanar infurmat lill-Kunsilli Lokali li l-permessi għall-ippjanar se jibdew jaslu b'mod elettroniku biss. Is-Sindku qal li huwa importanti ħafna li dawn l-*emails* jintbagħtu lill-Kunsilliera kollha u dan peress li fil-Fontana hemm diversi *areas* sensittivi li huma siti ta' Natura 2000.

2.11 Bħal kull sena, għandha tiġi mogħtija l-ikla lil dawk l-anzjani li jgħixu weħidhom f'jum il-festa. Il-Kunsill qabel ma' dan.

2.12 Biex jiġi stampat il-fuljett tal-Kunsill fl-okkażjoni tal-festa titulari tal-Qalb Ta' Ġesu'. Kif ikollna *proof* tiegħu, dan ser jintbagħat b'*e-mail* lill-Kunsilliera kollha għall-attenzjoni tagħhom.

2.13 Rigward it-tindif tat-toroq fil-jiem tal-festa, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-ħaddiema assenjati magħna sabiex jidħlu għax-xogħol nhar is-Sibt 18 u l-Ħadd 19 ta' Ġunju biex ikunu jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol.

2.14 Bħal kull sena, irċivejna stedina mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa sabiex nattendu għall-Pontifikal ta' Jum il-Festa nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju fid-9.00am.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Din l-istedina hija miftuħa għall-Kunsilliera kollha u għall-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Dawk interessati li jattendu għandhom jinfurmaw lill-Kappillan sal-Ġimgħa 17 ta' Ġunju.

2.15 Għandha ssir tabella li tindika d-direzzjoni lejn ix-Xlendi f'tarf Triq San Martin kantuniera ma' Triq Santa Dminka. Din ilha approvata aktar minn sena u baqgħet ma saritx. Il-Kunsill qabel ma' dan.

2.16 Għandna niċċekkjaw jekk l-aħħar pagament relatat mal-iskema tac-CIES intbagħatx il-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekkja rigward din il-materja.

2.17 Għandna norganizzaw ħarġa Malta għar-residenti matul ix-xhur tas-sajf. Il-Kunsill qabel ma' dan u għandna nibdew infasslu l-programm.

2.18 Rigward il-ġita ta' ġurnata fi Sqallija li l-Kunsill qabel li għandha ssir fil-5 ta' Lulju, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mas-Sur Mario Spiteri (*tour leader*) rigward il-programm u l-ħlas li ser jintalab lil kull min ser jipparteċipa. Ġie deċiż li ġaladarba nirċievu *draft* tal-programm, dan jintbagħat għall-attenzjoni tal-Kunsilliera għall-kummenti tagħhom.

2.19 Għandhom isiru plakki tal-*perspex* li dwar xogħol ta' restawr fuq l-Għajn ta' Bendu u tar-replika tal-Għajn tal-Loġoġ li sar minn Kunsill preċedenti. Dawn kellhom isiru aktar minn sena ilu u baqgħu ma sarux. Il-Kunsill qabel ma' dan.

2.20 Għandna nitolbu stima lill-Environmental Landscape Consortium Limited (ELC) għal xogħol ta' tisqija ta' madwar erbgħin qasrija fi Triq John Gaspard Le Marchant u Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Dan bil-għan li dan ix-xogħol ikun jista' jsir min-naħa tagħhom. Il-Kunsill qabel ma' dan.

2.21 Għandna niċċekkjaw jekk il-ħlas tal-Iskema ta' finanzjament għal restawr ta' niċeċ u postijiet storiċi żgħar imnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fis-sena 2010 daħalx fil-kont tal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekkja mal-*accountant* tal-Kunsill rigward din il-materja.

2.22 Is-sitwazzjoni tal-manutenzjoni u t-tindif tal-latrini pubbliċi fi Triq Ta' Mulejja ma tistax tibqa' kif inhi minħabba li teżisti telqa kbira f'dan ir-rigward. Is-Sindku informa lilll-Kunsill li nhar l-Erbgħa 1 ta' Ġunju, hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Horace Micallef iltaqa' mal-kuntrattur Carmel Xerri rigward din is-sitwazzjoni. Inġibdet ukoll l-attenzjoni rigward il-fatt li dawn il-latrini mhumiex qed jingħalqu biċ-ċavetta bil-lejl. Is-Sindku innota li minn dakinhar 'l hawn is-sitwazzjoni baqgħet l-istess u għaldaqstant huwa propona u l-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw il-kuntratt li għandna mas-Sur Xerri biex


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

naraw jekk nistgħux inwaħħluh penali. Ġie deċiż ukoll li niġbdulu l-attenzjoni rigward il-ħtieġa li tinbidel il-mera li hemm fil-latrina peress li tinsab fi stat ħażin.

2.23 Għandna ninsistu mal-Perit Toni Bezzina sabiex urġentament jibagħtilna stima tal-għamara tat-triq (*street furniture*) li hemm bżonn issir fil-proġett tal-Wied tax-Xlendi skont kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Dawn diġa' kien hemm qbil fuqhom f'mozzjoni li ressaq il-Kunsillier Horace Micallef xi xhur ilu.

2.24 Nhar it-Tnejn 30 ta' Mejju 2016, saret laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Fontana mal-Onorevoli Dr. Anton Refalo, Ministru għal Għawdex. Min-naħa tal-Ministeru kien hemm preżenti s-Segretarju Permanenti s-Sur John Borg, id-Direttur Mark Formosa u l-Assistent Direttur Lorry Apap. Preżenti għan-nom tal-Kunsill kien hemm is-Sindku, il-Kunsilliera Carmel Farrugia u Horace Micallef u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard.

Waqt din il-laqgħa ġew diskussi diversi xogħlijiet li jistgħu jsiru min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex fil-lokalita' tal-Fontana ewlieni fosthom il-manutenzjoni tal-kurduna tal-bankini fi Triq il-Għajn, tkomplija ta' biċċa ħajt tas-sejjieħ żgħir fi Pjazza l-Għejun li kien tkisser waqt il-bini tat-triq tax-Xlendi, biex jinxtegħlu tmien lampi tad-dawl li ilhom imwaħħla għal aktar minn tliet xhur u biex titwitta Triq Mons. Mikiel Buttigieg li għadha mhix mibnija iżda tintuża mir-residenti tal-inħawi. Waqt din il-laqgħa, il-Ministru ġie infurmat li l-Kunsill għandu l-ħsieb li jagħmel l-ewwel parti ta' Triq il-Għajn (bejn Pjazza Tomba u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili) kif ukoll l-aħħar ħamsa u tletin metru ta' Triq John Gaspard Le Marchant u talab l-approvazzjoni tal-Ministeru li min-naħa tagħhom qalu li m'għandux ikun hemm diffikulta' li jsiru dawn ix-xogħlijiet peress li t-toroq jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tal-Gvern Ċentrali. Is-Sindku talab ukoll lill-Ministru sabiex jikkunsidra li jdaħħal fil-programm ta' xogħlijiet tal-Ministeru l-proġett ta' rikostruzzjoni tal-parti li baqa' minn Triq il-Għajn (mill-Knisja sa Triq il-Kappillan Ġużepp Hili). Il-Ministru Dr. Anton Refalo qal li dan ix-xogħol ser jidħol fil-lista ta' xogħlijiet li ser iwettaq il-Ministeru fis-snin li ġejjin. Il-Kunsillier Horace Micallef reġa' semma l-punt li possibilment jinħareġ tender wieħed li jkun ikopri x-xogħlijiet kollha. Dan diġa' kien hemm qbil fuqu fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku wkoll semma biex mill-fondi li hemm ivvutati fil-budget ta' din is-sena għat-tindif u r-rijabilitazzjoni tal-widien jingħataw fondi lill-Kunsill għax-xogħol li wettaq is-sena l-oħra għat-tindif u r-rijabilitazzjoni ta' dik il-parti tal-wied tax-Xlendi li hija fil-konfini tiegħu. Huwa qal li għal dan ix-xogħol, il-Kunsill kellu kuntratt iffirmat mad-Dipartiment tal-Eko Gozo fil-Ministeru għal Għawdex. Dawn il-fondi kienu jammontaw għal madwar € 47,000 iżda peress li l-MEPA riedet *method statements* oħra wara li kienet ħarġet il-permess, il-Kunsill ma


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

laħaqx wettaq ix-xogħol fiż-żmien li kellu stipulat fil-kuntratt. Għalhekk dan kellu jitħallas mill-fondi tal-Kunsill. Is-Segretarju Permanenti qal li dan mhux possibbli li jsir. Il-Ministru għal Għawdex, Dr. Anton Refalo, propona li l-Kunsill iressaq proġett ieħor li jista' jsir minn fondi tal-Eko Gozo.

2.25 Il-box file li fih ir-riżultati kollha tal-*interviews* għal post ta' skrivan mal-Kunsill, liema interviews kienu saru f'Ottubru li għadda, huwa miftuħ meta dan ġie issiġillat mill-membri tal-bord. Is-Sindku qal li dan rah flimkien mal-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill biex naraw x'handover ingħatat wara r-riżenja tal-ex Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li dan kien maqful fil-*cupboard* li kellha aċċess għalih biss l-ex Segretarju Eżekuttiv. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li meta ġie għall-ewwel darba fl-uffiċċju tal-Kunsill, dan il-box file rah miftuħ u għaldaqstant ma jistax jifhem x'seta' ġara minn meta saru l-interviews sal-lum. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li sabiex l-affarijiet isiru skont ir-regolamenti, għandhom jerġgħu jissejħu l-membri tal-bord tal-għażla ħalli quddiemhom jerġa' jiġi issiġillat dan il-file li fih ir-riżultati li ġabu dawk kollha li resqu għal dan l-interview. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw ukoll rigward il-kuntratt ta' impjieg li kellha mal-Kunsill l-ex Segretarju Eżekuttiv peress li hi infurmat lill-iskrivan tal-Kunsill li dan il-kuntratt ħaditu magħha d-dar flimkien mal-*box file*.

2.26 Wara verifiki li hu għamel mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) rigward l-impjegati tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, jirriżulta li s-Sinjura Josianne Cassar għadha tidher bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Dan minkejja li din ilha li irriżenjat mill-Kunsill mill-bidu tas-sena 2009. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nibagħtu ittra lill-ETC biex naġġornaw din il-lista bid-dettalji tal-ħaddiema impjegati mal-Kunsill inkluż il-Kunsilliera li għandhom jitniżżlu bħala ħaddiema *part time*. Dan wara li ġibdu l-attenzjoni jekk il-Kunsilliera jridux jitniżżlu mal-lista ta' impjegati tal-Kunsill.

2.27 Is-Sindku qal li għandna nibagħtu ittra lill-Ministeru għal Għawdex u lil Transport Malta biex nuruhom l-inkonvenjent kbir li inħoloq lir-residenti tal-Fontana meta għal jumejn konsekuttivi għalqu Triq ir-Repubblika bil-konsegwenza li t-traffiku kollu kien imwaħħal fi Triq il-Għajn u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Dan meta kien hemm ukoll Triq l-Imgħallem magħluqa għat-traffiku.

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża fis-6.35pm biex il-Kunsill seta' jitkellem mal-avukat Dr. Jean Paul Grech LLD li ġie jiddiskuti xi punti mal-Kunsill. Il-laqgħa tkompliet fis-7.20pm. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li Dr. Jean Paul Grech għandu jibgħat ittra lis-Sur Nicholas Zammit, il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir ta' skart goff fil-lokalita' tagħna, li fiha jinfurmah li l-Kunsill ser iħallsu tax-xogħol li għamel sa Diċembru 2015 skont ir-records tal-Kunsill u fl-istess ħin nitolbuh l-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

invoices għas-servizzi li offra bejn Jannar u Marzu 2016 biex nivverifikawhom mar-records tagħna.

*Materji oħra mressqa mill-Kunsilliera*:

Mill-Kunsillier Horace Micallef:

2.28 Rigward e-mail li rċieva l-Kunsill minħabba l-ħlas li qed isir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għas-servizz tal-internet biex jiġu *streamed live* il-laqgħat tal-Kunsill. Is-Sur Micallef qal li f'din l-email intqal li l-applikazzjoni tagħna qatt ma waslet fid-Dipartiment minkejja li din l-iskema ħarġet fis-sena 2014. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard qal li minn istruzzjonijiet li rċieva mid-Dipartiment, l-aħjar ħaġa li nagħmlu f'dan ir-rigward hija li nibagħtu l-applikazzjoni issa biex ikollna kollox konformi mar-regolamenti. Il-Kunsill qabel ma' dan.

2.29 Ġie avviċinat mill-kumpanija 'Herbalife Nutrition' sabiex torganizza *fitness classes* għar-residenti Fontanin fis-sala tal-komunita' minn Settembru li ġej. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekkja dwar x'kundizzjonijiet għandhom u xi ħlas qed jitolbu minn kull parteċipant qabel ma tittieħed deċiżjoni uffiċjali.

2.30 Għandna niktbu ittra lill-Onorevoli Ministru għal Għawdex Dr. Anton Refalo u lil Transport Malta rigward l-għeluq tat-toroq. Dan peress li nhar il-Ħadd 5 u t-Tnejn 6 ta' Ġunju, Triq ir-Repubblika fil-Belt Victoria ingħalqet għat-traffiku flimkien ma' Triq Sant'Orsla bil-konsegwenza li t-traffiku kollu nġema fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-Kunsillier Horace Micallef propona u l-Kunsill qabel li l-Kunsill Lokali tal-Fontana għandu jkun infurmat jekk ikunu ser jingħalqu xi toroq fir-Rabat minħabba l-fatt li tintlaqat dirett il-lokalita' tagħna.

8. Approvazzjoni tal-kuntratt ta' ġbir ta' skart riċiklabbli mal-kumpanija GreenMT

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill kopja tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart riċiklabbli aġġornat bl-aħħar tibdil li sar kif deċiż fl-aħħar laqgħa. Il-Kunsill qabel li għandna niffirmaw dan il-kuntratt li jibda fl-1 ta' Lulju 2016 u jintemm fit-30 ta' Ġunju 2019. Rigward il-boroż b'xejn li l-kumpanija GreenMT tagħti lir-residenti, dawn għandhom jibdew jinġabru mill-uffiċċju amministrattiv. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li fir-rigward ta' dawk il-persuni li ma jistgħux jiġu jiġbru l-boroż mill-uffiċċju minħabba raġunijiet ta' saħħa, għandhom jinfurmaw lill-Kunsill u l-boroż jitwasslulhom id-dar mill-ħaddiema tagħna.

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li rċivejna *e-mail* mill-Wasteserv rigward l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ta' ġbir ta' skart li ser tibda fit-30 ta'


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Settembru 2016. Din is-sistema tifforma parti minn proġett nazzjonali li ser isir minħabba l-introduzzjoni tal-*organic bag.* B'din is-sistema, il-ġbir ta' skart domestiku mħallat ġie ridott għal darbtejn biss fil-ġimgħa. Is-Sindku qal li wara li hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv attendew għal laqgħa li saret ma' rappreżentanti tal-Wasteserv rigward dan il-proċess, huma ġew infurmati li ser isiru tliet darbiet ġbir ta' skart organiku u tnejn tal-borża s-sewda. Is-Sindku talab li tas-servizz li ser jiżdied, dan għandu jitħallas mill-Wasteserv peress li l-Kunsill ma jistax jidħol għal aktar spejjeż ta' ġbir ta' skart. Dan fid-dawl tal-fatt ukoll li riċentament il-prezz għal kull ġabra żdied minn € 70 għal € 80 kuljum. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu laqgħa mal-Wasteserv biex nerġgħu niddiskutu l-ġranet tal-ġbir tal-iskart peress li l-ġbir ta' skart is-Sibt u t-Tnejn kif qed tipproponi l-Wasteserv huma qrib xulxin. Ir-rappreżentanti tal-Wasteserv aċċettaw li tas-servizz żejjed iħallsu huma billi jirrifondu lill-Kunsill.

Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa dwar x'ser jiġri fil-festi pubbliċi, il-ġranet li fihom ser jinġabar l-iskart organiku u anke jekk hux ser ikun hemm xi tibdil fil-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. Dawn il-materji ser jiġu diskussi waqt il-laqgħa li l-Kunsill ser ikollu ma' rappreżentanti tal-*Wasteserv*.

6. <u>Il-permessi tal-gabbani li jarmaw temporanjament fil-festa titulari</u>

Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-permessi tas-sidien tal-gabbani li jarmaw temporanjament fil-jiem tal-festa titulari tal-Qalb Ta' Ġesu'.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-postijiet ta' dawn il-bejjiegħa għandhom jibqgħu l-istess bħas-sena li għaddiet u f'każ li jidħol xi ħadd ġdid, dan jimla l-post li jkun imiss. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li, sabiex jiġi evitat id-diżgwid li nqala' s-sena l-oħra minħabba l-ħruq tal-logħob tan-nar tal-art, għandna nagħmlu kundizzjoni mal-permess li tobbliga lill-bejjiegħa sabiex fil-bidu tal-ħruq taġ-ġiġġifogu, il-gabbani għandhom jitħarrku. F'każ li dan ma jsirx, ir-riskju jkun f'idejhom u l-Kunsill ma jidħolx responsabbli għal danni li jista' jkun hemm.

7. <u>Approvazzjoni tal-*budget* tal-Kunsill għas-sena 2016</u>

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ippreżenta kopja tal-*budget* tal-Kunsill għas-sena 2016 kif mibgħut permezz ta' *e-mail* mill-accountant Daniel Galea nhar it-Tnejn 29 ta' Frar. Dan il-*budget* kellu jiġi approvat fil-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 29 ta' Frar, liema laqgħa kellha titħassar peress li l-ex Segretarja infurmat lill-Kunsill sagħtejn qabel kellha tibda l-laqgħa li ma setgħetx tattendi.

Wara li l-Aġent Segretarju qara l-figuri li ipprepara l-*accountant* tal-Kunsill għal dan il-budget, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nirrevedu dan il-budget b'figuri li jkunu jirriflettu aħjar is-sitwazzjoni reali tal-Kunsill.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Għaldaqstant, ġie deċiż li din il-materja titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

4. Approvazzjoni tar-risposta tal-Kunsill għall-*management letter* tal-awdituri

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara *draft* ta' ittra li ipprepara l-accountant tal-Kunsill bħala risposta għall-*management letter* li bagħtu l-awdituri wara li temmew il-proċess ta' awditjar tal-Kunsill li sar fit-13 ta' April li għadda.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jirrevedi xi punti minn din l-ittra, ewlieni fosthom punt numru 8 li jittratta r-raġuni għalfejn il-Kunsill għadu ma approvax il-*budget* għas-sena 2016. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li din l-ittra għandha tiġi riveduta biex tirrifletti l-pożizzjoni attwali tal-Kunsill u terġa' titressaq għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Peress li l-*management letter* tal-awdituri waslet għandna fil-25 ta' Mejju, din ir-risposta trid tintbagħat lid-Dipartiment, lill-awdituri tal-Kunsill u lill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali sa mhux aktar tard mill-Erbgħa 6 ta' Lulju (sitt ġimgħat wara).

3. Qari tal-Korrispondenza

3.1 E-mail mingħand l-inġinier Renzo Curmi bl-istima għax-xogħol ta' installazzjoni ta' CCTV cameras fil-Wied tax-Xlendi. Din l-istima tammonta għas-somma ta' € 4850. Il-Kunsill innota l-kontenut. Ser nagħmlu laqgħa tal-inġinier Renzo Curmi biex naraw eżattament x'jinvolvi x-xogħol. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal dan il-proġett taħt xi programm b'finanzjament mill-Unjoni Ewropea.

3.2 E-mail mingħand il-Perita Ivana Farrugia li fiha qed tiddikjara li x-xogħol ta' restawr tan-niċċa f'1, Triq l-Għajn, Fontana, ġie komplut skont l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fid-dokument tal-offerta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.3 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali li l-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Adrian Mifsud bħala Direttur tal-Gvern Lokali b'effett mit-Tnejn 9 ta' Mejju 2016. Il-Kunsill innota l-kontenut u awgura lis-Sur Mifsud fil-kariga ġdida tiegħu.

3.4 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali b'żewġ seminars informattivi dwar l-Unjoni Ewropea u t-tibdil fil-klima. Is-seminar li jmiss ser isir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju. Il-Kunsill innota l-kontenut.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.5 E-mail mingħand Chris Cassar, rappreżentant tal-Fondazzjoni Valletta 2018, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali bl-attivita' 'L-Ikla t-Tajba' li l-għan tagħha hu li flimkien fl-istess ġurnata u ħin, f'Malta u Għawdex, inkunu qegħdin nieklu l-istess tip ta' ikel. Is-Sur Cassar qed jistieden lill-għaqdiet volontarji Maltin u Għawdxin sabiex jipparteċipaw f'din l-attivita' li hija skedata li ssir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Ġunju 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.6 E-mail mingħand Patri Dijonisju Mintoff b'informazzjoni dwar il-Premju Nazzjonali 'B'Ħilti Wasalt' organizzat mil-Laboratorju tal-Paċi. In-nominazzjonijiet għal dan il-premju jintlaqgħu sal-Ħamis 30 ta' Ġunju 2016. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.7 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin bit-twaqqif tal-*Gozo Regional Inspectorate*. L-għan prinċipali ta' dan l-ispettorat hu li jerġa' jiġi introdott spezzjonar u assessjar tal-maġġor parti tal-mobbli u l-immobbli li jinsabu fl-irħula Għawdxin u f'każ li jiġu identifikati xi bżonnijiet, dawn jiġu komunikati lill-Kunsilli Lokali biex tittieħed azzjoni dwarhom għall-benefiċċju tar-residenti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.8 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'informazzjoni dwar kompetizzjoni li tnediet mill-istess Assoċjazzjoni bit-tema 'Recycling of Waste'. Din il-kompetizzjoni hija miftuħa għal persuni li għandhom 'il fuq minn tmintax-il sena sal-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.9 Ittra mingħand George Mercieca, Segretarju tal-Kumitat Organizattiv '1551', li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali Għawdxin fl-organizazzjoni tal-attivita' '1551 in Concert' imtella' mill-Fondazzjoni Santa Ċeċilja flimkien mal-Gozo Creative Theatre Club. Is-Sur Mercieca qed jitlob is-somma ta' € 100 għal din l-attivita' kulturali. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

3.10 E-mail mingħand Pio Farrugia, Assistent Direttur tal-Gvern Lokali, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali li l-*pool* il-ġdida ta' Segretarji Eżekuttivi prospettivi infetħet fit-12 ta' Mejju 2016 u għaldaqstant, fejn hemm Aġent/Deputat Segretarju Eżekuttiv, għandha tinħareġ is-sejħa għal ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din is-sejħa għandha toħroġ wara li jispiċċa l-kors ta' taħriġ li qed isir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għas-Segretarji Eżekuttivi attwali u prospettivi.

3.11 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jinforma lill-Kunsill sabiex iressaq applikazzjoni formali lid-Dipartiment għal għajnuna finanzjarja sabiex il-laqgħat tal-Kunsill ikunu jistgħu jiġu *streamed online* kif fil-fatt qed jiġri. Din l-applikazzjoni kellha tiġi approvata mill-Kunsill fis-sena 2014 iżda jirriżulta li din

baqgħet qatt ma tressqet għall-attenzjoni tal-kunsilliera. Din il-materja diġa' ġiet diskussa aktar kmieni u kien hemm qbil li l-applikazzjoni tintbagħat immedjatament.

3.12 Ċirkulari Numru 1/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Effiċjenza fil-Komunikazzjoni'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.13 E-mail mingħand Elaine Briffa, koordinatur tal-proġett nazzjonali għal ġbir ta' skart organiku, li fiha qed tinforma lill-Kunsill bl-iskeda proposta għal ġbir ta' skart organiku mil-lokalitajiet Maltin u Għawdxin. Dan il-proġett għandu jibda fit-30 ta' Settembru 2016. Ser nitolbu laqgħa ma' rappreżentanti tal-Wasteserv rigward dan il-proċess minħabba li l-Kunsill mhux qed jaqbel mas-sistema l-ġdida.

3.14 E-mail mingħand George Cassar li fiha qed jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jagħmel sessjoni oħra ta' *culling* tal-ħamiem mitluq fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili minħabba l-ammont kbir li għad hemm f'din it-triq. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba u ser nippruvaw nagħmlu sessjoni oħra għall-aħħar tax-xahar ta' Awwissu.

3.15 E-mail mill-MEUSAC li fiha qed jistiednu rappreżentanza tal-Kunsill sabiex tattendi għal sessjoni dwar ksib ta' fondi minn programmi differenti tal-Unjoni Ewropea, liema sessjoni ser issir nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju fid-9.15am fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku, il-kunsillier Horace Micallef u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jattendu għal din il-laqgħa.

3.16 Ċirkulari Numru 2/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Permessi għall-ħatt ta' merkanzija minn fuq *trailers*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.17 E-mail mingħand Catherine Cauchi, Segretarja tal-Kumitat 'Milied f'Għawdex 2016', li fiha qed tistieden lill-Kunsilli Lokali Għawdxin kif ukoll lill-għaqdiet tar-raħal sabiex iressqu s-suġġerimenti tagħhom għall-attivitajiet tal-Milied lill-kumitat organizzattiv. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.18 Ittra mingħand il-Kappillan Dun John Muscat li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fl-organizazzjoni ta' feature awdjo-viżiv li ser jittella' mill-Għaqda Żgħażagħ Fontanin lejliet il-festa, nhar is-Sibt 18 ta' Ġunju qabel il-logħob tan-nar tal-art. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandna nikkollaboraw fl-organizazzjoni ta' dan il-*feature* bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 450.

Peress li kien sar il-ħin tat-8.30pm u laqgħa tal-Kunsill ma tistax iddum aktar minn tliet sigħat, is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-laqgħa tkun tista' titkompla. Il-Kunsill qabel ma' dan u l-laqgħa tkompliet.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Ilmenti mir-residenti:

3.19 Talba mingħand Anthony Mizzi ta' 2, Triq Sant'Andrija, Victoria, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx ta' residenza li qed tinbena fi Triq Ta' Mulejja (maġenb il-*Gozo Fitness First Club*). Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

3.20 Talba mingħand Josh Cordina ta' 'San Ġorġ House', Triq Ta' Mulejja, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

3.21 Talba mingħand Emmanuel Grech ta' 'Kenn Ġorġjan', Triq Ta' Mulejja, sabiex naraw fiex waslet it-talba tiegħu li ressaq lil Transport Malta f'Għawdex biex ikun jista' jidħol u joħroġ mill-garaxx tar-residenza tiegħu. Is-Sindku qal li r-resident qed jgħid li din it-talba ilha li bdiet tiġi ikkunsidrata għal aktar minn tliet xhur. Ser niċċekkjaw dwar din il-materja.

5. Mozzjoni Numru 13 – Ftehim ta' ġemellaġġ

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-mozzjoni numru 13 li kienet proponuta mill-Kunsillier Horace Micallef. It-test tal-mozzjoni huwa kif ġej:

**Qed nippreżenta din il-mozzjoni sabiex ikun jista' jingħata bidu għal diskussjonijiet u sussegwentament ftehim ta' ġemellaġġ ma' Kunsill ieħor barra minn Malta b'konnessjonijiet komuni bejn iż-żewġ Kunsilli.Qed nitlob dan sabiex ikun iktar possibbli li jsiru skambji bejn iż-żewġ naħat. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Fontanin ikunu jistgħu jgawdu minn opportunitajiet diversi fosthom ta' kultura u tagħlim.**

**Qed nitlob dan ukoll peress li, wara storja ta' tnejn u għoxrin sena ta' Kunsilli, b'sittin ftehim differenti ta' ġemellaġġ bejn Kunsilli Maltin u barranin b'kulturi differenti, jirriżulta li kien ta' benefiċċju kbir għar-residenti tal-lokalitajiet rispettivi.**

**Horace Micallef**
**Proponent**

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Mario Mercieca.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Il-Kunsillier Horace Micallef informa lill-Kunsill li ilu għal din l-aħħar sena u nofs jaħdem fuq ftehim ta' ġemellaġġ li jista' jsir bejn il-Kunsill Lokali tal-Fontana u Kunsill ieħor barra minn Malta. Is-Sur Micallef qal li tkellem mas-Sur Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u dan irreferieh għas-Sur Aaron Farrugia li huwa *international policy coordinator* fl-istess Assoċjazzjoni. Is-Sur Micallef qal li rnexxielu jistabilixxi kuntatti mal-Comune ta' Serrone fl-Italja li fil-fehma tiegħu huwa ideali biex isir ġemellaġġ miegħu.

Is-Sindku Saviour Borg qal li riċentament kien avviċinat minn Amabile Zammit li semmielu ir-raħal ta' Aci Castello fi Sqallija li huma interessati li jagħmlu ġemellaġġ mar-raħal tal-Fontana peress li hawnhekk jagħmlu l-logħob tan-nar. Is-Sindku qal li jkun aktar għaqli li jsir ġemellaġġ ma' raħal li għandu xi konnessjoni mal-Fontana, per eżempju xi raħal li għandu devozzjoni lejn il-Qalb Ta' Ġesu', Sant'Andrija jew magħruf għal-logħob tan-nar kif kien approva l-Kunsill xi snin ilu. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li, filwaqt li m'għandu xejn kontra li jsir ġemellaġġ ma' raħal ieħor, għandna noqogħdu attenti li l-ġemellaġġ li jsir tibbenefika minnu l-komunita' tal-Fontana kollha kemm hi. Il-Kunsill qabel ma' dan u ser isir ukoll kuntatt ma' Aci Castello biex naraw x'jista' jsir.

Wara din id-diskussjoni, il-Kunsill ivvota b'mod unananimu favur il-mozzjoni biex jibdew id-diskussjonijiet maż-żewġ postijiet imsemmija li jistgħu jwasslu għal ftehim ta' ġemellaġġ.

9. <u>Approvazzjoni tal-pagamenti</u>

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill il-lista ta' pagamenti biex jiġu approvati f'din il-laqgħa.

Il-Kunsill qabel li:

(a) Il-pagamenti tas-Sur Carmel Xerri jiġu temporanjament sospiżi sakemm il-Kunsill jiċċekkja t-termini tal-kuntratt tiegħu biex naraw nistgħu nwaħħluh penali għall-fatt li mhux qed iżomm il-latrini f'kundizzjoni tajba (skont kif ġie deċiż aktar kmieni matul din il-laqgħa);
(b) Il-pagament tal-kumpanija *Go plc* rigward l-użu tal-mobile tal-Kunsill jiġi ċċekkjat qabel jintbagħat;
(c) Il-pagament tal-kumpanija *Galea Curmi Engineering Consultants* li jirrigwardja l-*contract management fee* fuq id-devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq għandu jiġi temporanjament sospiż sakemm din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex skont kif diġa' ġie deċiż fil-laqgħa tal-Kunsill u


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

(d) Il-pagament tal-korporazzjoni Enemalta għas-supply temporanju tad-dawl għat-tiżjin tal-Milied għas-snin 2014-2016 għandu jiġi iċċekkjat qabel ma jintbagħat.

Il-pagamenti l-oħrajn ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ċ-ċedola ta' pagamenti ġie iffirmata mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill qabel ukoll li għandna niċċekkjaw dwar kemm hu n-numru ta' anzjani mill-Fontana li qed jattendu għall-attivitajiet organizzati fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Għajnsielem.

10. Aġġornament

Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 27 ta' Ġunju 2016 fit-3.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Saviour Borg<br>Sindku | Ivan Attard<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555